# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza 22 ta’ Novembru 2023

Talba numru: 221/2022 CL

**360 Retail Supplies Ltd (C64990)**

**VERSUS**

**Interior Outfitters Ltd (C53037)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-26 ta’ Lulju 2022, fejn s-socjeta attrici talbet lit-Tribunal jikkundana lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ elf mija u sitta u hamsin euro u erbghin centezmu (€1,156.40) liema somma tinkludi l-vat, rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici ghal xoghol li sehh minnha fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta, kif jirrizulta mill-fattura annessa u immarkata Dok A. Liema xoghol baqa’ ma thallasx mis-socjeta konvenuta, u dan minkejja li kienet interpellata sabiex taghmel dan. Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali numru 1429/22 anness Dok B u bl-imghax legali sad-data tal-pagament efffettiv.

Illi fit-18 ta’ Awwissu 2022 is-socjeta konvenuta dahlet risposta fejn sostniet illi t-talbiet mressqa mis-socjeta attrici fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici. Illi l-ammont reklamat mis-socjeta attrii permezz tal-avviz tat-talba u tal-fattura annessa mal-istess avviz m’huwiex gustament dovut. Illi ghalkemm m’hemmx kontestazzjoni li fit-30 ta’ Mejju 2022, is-socjeta’ attrici kienet mgharrfa li hija kienet giet maghzula (wara sejha ghall-applikazjonijiet illi kinet inhareget fir-rigward), sabiex tipprovdi servizz ta’ disinn lis-socjeta’ konvenuta, l-istess inkarigu kien gie sospiz fl-1 ta’ Gunju 2022, u ssugwentament itterminat inkwantu l-progett gie kkancellat minhabba ragunijiet barra l-kontroll tal-imsemmija socjeta’ esponenti. Dan kollu kif ser jigi ampjament ipprovat matul it-trattazzjoni tal-kawza. Illi minghajr pregudizzji u fl-agha ipotesi ghas-socjeta konvenuta fejn dan it-Tribunal kellu jidhirlu li huwa

dovut xi ammont lis-socjeta' attrici, tali ammont indubbjament ma jammontax ghas-somma minnha pretiza.

Fit-23 ta' Novembru 2022, xehed Jonathan Sciberras li huwa direttur fis-socjeta attrici u li kienu gew inkarigati biex jizvillupaw struttura mezzanin gewwa mahzen f'Burmarrad. L-ewwel kellhom jaghmlu disinni teknici wara li jikkonsultaw mal-inginier biex jiccertifika l-*load capacity* u l-hadma taghha u wara jibdew bil-produzzjoni tal-istruttura. Huma kienu ghamlu kuntatt mal-inginier biex jaqbad id-disinni li kienu ghamlu u japplowdjhom f'software biex jaghmel *stress test* u *load test* biex jevalwaw kemm tfilah piz l-istruttura. Dan ix-xoghol jinvolvi l-hin u resposabbilita'. Huma kienu taw stima dettaljati ta' kemm jiswa x-xoghol, kif ukoll dan l-istudju partikolari li jirreferu ghalihom bhala *engineer calcuations*. ipprezenta numru ta' dokumenti li gew immarkati komplessivament Dok JS1 fejn tidher l-istima u thread tal-emails fejn ikkonferma x-xoghol kif ukoll snapshot tax-xoghol li kien sar li juri l-istruttura bil-*load test*. L-ahhar zewg dokumenti kienu disinn tal-istruttura li ghamlu biex jkunu jistghu jaghmlu *load* u *stress test*, biex jivverifkaw li dak li gie ddissinjat, jiflah l-essigenzi li talab il-klijent. Kien hemm laqa' fl-ufficju tieghu fejn Patrick Maylor kien ikkonferma verbalment ix-xoghol, li kien gie segwit b'*e mail* li ikkonferma x-xoghol b'mod ufficjali. Ftit granet wara irceiva *e mail* minghand Maylor li ser jpoggi l-progett *on hold* u wara ftit gimghat ikkonfermalu li l-progett kien imwaqqaf. Hu wiebgu li l-inginier kellu jithallas ghax xoghol ta' kalkolu li kien ghamel u ir-risposta kienet li ma kinitx problema. Wara ftit granet Maylor beda jghid li ma kienx ser jhalsu la twaqqaf il-progett, izda hu wiebgu li l-hlas li kien qieghed jitlob ma kienx tal-progett izda tal-istudju li kien sar mill-inginier, izda baqa' ma thallasx. Kienu infurmati li x-xoghol kien mghaggel hafna ghax rieduh fi zmien xahar, allura huma kif ircevew il-konferma tax-xoghol, bdew bix-xoghol mill-ewwel sahansitra barra l-hinijiet tax-xoghol biex ssir l-*istress test* u la x-xoghol sar, kien jippretendi l-hlas. Hu kien jqabbad inginier taljan, Gabriele, biex jaghmel xoghol partikolari, kienu jghaddulu d-disinni u hu kien jievalwhom u jibbildjhom fuq is-software li ma tantx ssibu fil-lokal, b'hekk jkun jista' johrog *load test* u jara kif jaffetwa l-istruttura meta tibda tghabbi l-piz. Fil-fatt jikkonferma illi d-dokument A3 saret minn dan l-inginier bl-uzu ta' software specjali. Hu ikkonferma l-email datat 30 ta' Mejju 2022, a foll 25 fejn gie ikkonfermat li l-progett kien inghata lil 360 Retail izda jghid illi fil-laqgha li kienet saret qabel kien gja inghata l-konferma. Hu ikkonferma ukoll li kien ircieva l-email datat l-1 ta' Gunju 2022 li l-progett kien ser jitpogga *on hold*. Il-kejl fil-fond kien ittiehed min nies tieghu, tant illi kienu tawh id-disinni bil-qisien li fuqu kien inhareg l-istima u kienu tkelmu ukoll mal-inginier imma fil-qosot permezz ra' telefonata. Riedu jmorru jkejlu t-tieni darba qabel ma jinqata' l-materjal biex jivverifikaw li ma kienx hemn xi tibdil bhal ducting jew elettriku. Wara il-laqgha li kellu ma' Maylor fejn kien qallu li ried x-xoghol malajr, kien bghat il-kejl u d-disinni lil inginier biex jaghmel il-verifiki tieghu bhala persuna *skilled* biex jara jiflahx dan il-piz u *stress test* biex jara kif l-istruttura kien ser jirrispondi ghal piz. Il-kalkolo fl-istima jaghmluh huma ibbazata fuq l-esperjenza taghhom u komunikazzjoni b'telefonata mal-inginier, izda dan jrid jigi segwit bl-istudju teknika.Hu ipprezenta Dok JS2 u JS3 fejn jindika l-prezz tal-inginier certification u *e mail* datat 18 ta' Mejju 2022 li jindika li saret laqgha ghandhom kif ukoll li kienu gja ghamlu survey meeting.

Patrick Maylor spjega illi hu wiehed mid-diretturi tas-socjeta konvenuta u ilu f'din il-kariga mill-1 ta' Gunju 2021, hu ipprezenta disa' dokumenti li gew kompessivament mmarkati PM1, li turi b'mod kronologiku c-cirkustanzi ta' x'wasal ghal din il-kawza. Fis-27 ta' Marzu 2022, Interior Outfitters Ltd kienu hargu tender privat, *Request For Quotations,* sabiex struttura ta' mezzanin fil-mahzen taghhom li kien f'Midland Industrial Estate, ghax kienu ser jispandu. Huma rcevew *bids* minn diversi kumpaniji fosthom, zewg *bids* minn 360 Retail Suppliies Ltd, wahda ta' struttura *custom made* u l-ohra struttura *pre fabricated*. Attenda ghal laqa' ta' kjariffikazzjoni teknika fuq iz-zewg bids fit-18 ta' Mejju 2022 fl-ufficjini tas-socjeta attrici flimkien ma' Sciberras u xi hadima minn tieghu, fejn ma kien hemm ebda konferma li x-xoghol kienu ha jiehduh huma. Il-konferma li kienu ser jiehdu x-xoghol kien sar permess ta' *e mail* fit-30 ta' Mejju 2022. Hu kien marbut bil-process ghat-tender sabiex jikkwalifika ghal EU *grants funding* li kien hemm f'dak il-perjodu, li l-ewwel kellhom jaghmlu evalwazzjoni teknika biex jkunu konformi ma' RFQ *requirements*. Wara jkun hemm evalwazzjoni kummercjali fuq il-*bids* li jkunu ikkwalifikaw bbazat fuq il-prezz, li sar bejn it-18 ta' Mejju 2022 u 30 ta' Mejju 2022, fejn intghazel 360 Retail Supplies Ltd. Wara li kien intbghat l email bil-konferma fit-30 ta' Mejju 2022, imfurmaw lil-kumpanija li l-progett kien ser jinzamm *on hold* fl-1 ta' Gunju 2022 minhabba li n-negozjati sabiex jakkwistaw il-kirja ta' fond iehor f'Hardrocks Industrial Estate, li kellhom bzonn ghal negozju taghhom, kienu sfaxxaw. Gjaladarba dan in-negozju sfaxxa ma kellhomx aktar bzonn il-mezzanin li kien ser jsir fil mahzen gewwa Midland Industrial Estate, liema kirja giet itterminata wara li kienu akkwistaw it-tieni mahzen f'Hard Rocks. Hu ipprezenta ukoll kopja tal-kirja ta' Midlands li kellha terminu sas-sena 2030, Dok PM3. Kif gara hekk is-socjeta konvenuta giet infurmatha mill-ewwel li b'*email* datat 31 ta' Mejju fil-5.55am, allura ftit sieghat wara li kienu ircevew il-konferma. F'dak il-perjodu 360 Retail Supplies kienu bghatu il-fattura ghal hlas ta' depozitu, li ma kienx ghadu thallas, u infurmawhom li kienu ser jaghmlu *site visit* il-gimgha ta' wara biex jikkonferma l-qisien. B'hekk kienu sorprizi li ircevew l-kont ta' €1156.40 ghax xoghol ta' inginerija ghax zgur ma kienux dovuti. Kien hemm perjodu qasir bejn l-email meta giet ikkonfermata li kienu ser jahdmu mas-socjeta konvenuta u l-email fejn infurmawhom li l x-xoghol kien *on hold* , tant illi s-*site visit* kien ghadu ma sehhx. B'hekk ix-xoghol ma setax jinbeda minghajr il-qisien finali u ma kien hemm ebda ftehiem kommercjali u lanqas ma kienet inharget *purchase order*. Hu cahad illi fil-laqgha li kellu ma' 360 Retail Supplies hu kien ghazel liema miz-zewg proposti kien gie accettat, il-laqgha kienet sabiex jinghata aktar kjarifikazzjoni dwar it-teknika ghax f'dak l-istadju kienu ghadhom qeghdin jaghmlu l-evalwazzjoni fuq it-teknika u l-evalwazzjoni kummercjali (li huma l-*payment terms*) kienet ghadha ma saritx,. Huma ikkomfermaw li t-tender tas-socjeta konvenuta li kienet ser tiswa €25,000 kienet giet accetat fil-30 ta' Mejju, u dakinhar ma kienx ghadu gie iffirmat il-ftehiem tal-fond f'Burmarrad. Il-*funding* mill-EU ghal-progett kien gie approvat imma ma kienux rcevew il-flus u kienu ghadhom ghaddejjin bil-process. Ikkonferma illi l-ftehiem ma' Hardrocks kellha tigi iffirmata fl-1 ta' Gunju,, izda filghodu gew infurmati illi ma kienux ser jiffirmaw il-ftehiem, minkejja li kienu ilhom sentejn ghaddejjin f'negozjati. Peress illi l-

ispazju fil-mahzen taghhom anke bil-mezzanin ma kien ser jkun bizzejjed u bdew jaraw jekk kienx possibbli li jakkwistaw il-mahzen ta' ma genbhom li fil-fatt kellha aktar spazju mill-mahzen taghhom u b'hekk kien poggha l-progett *on hold*. 360 kienu marru on site sena qabel biex hadu il-qisien izda kienu ghadhom ma hadux il-qisien finali.

FiL-11 ta' Ottubru 2023 saret it-trattazzjoni tal-partijiet u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

It-Tribunal ra d-dokumenti li gew ipprezentati u semghet ix-xhieda. Jirrizulta mhux ikkontestat, illi wara li kien hemm tender ghal struttura is-socjeta konvenuta attendiet ghal laqgha mas-socjeta konvenuta u ikkonfermat permezz ta' *e mail* datat 30 ta' Mejju 2022 li kienet accetat it-tender tas-socjeta attrici. Illi jumejn wara, fl-1 ta' Gunju 2022, is-socjeta konvenuta infurmat lil socjeta attrici illi kien hemm problema u l-progett kien tpogga *on hold*. Irrizulta ukoll illi l-kuntratt tal-kirja tal-mahzen ta' Hardrocks li kellha tigi iffirmata fl-1 ta' Gunju 2022 ma sehhitx u kienu ser jiffirmaw kirja fuq fond akbar u ghalhekk ma kienx hemm aktar bzonn tal-istruttura ghax kienu ser jitterminaw il-kirja ta' Midlands Park. Hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar meta inghata l-konferma li l-progett kien inghata lis-socjeta attrici. Is-socjeta attricii tghid illi l-konferma verballi inghatat fil-laqgha tat-18 ta' April 2022 tant illi qalulu biex jibda mill-ewwel, filwaqt illi s-socjeta attrici tghid illi dakinhar kienet sabiex jiccaraw punti teknici u l-konferma inghatat bl-email fit-30 ta' Mejju 2022. Hemm kontestazzjoni dwar Engineers certification li jidher fuq l-istima fl-ammont ta' €980, fejn is-socjeta attrici tghid illi kienu inkarigaw inginier barrani biex jaghmel kalkoli ta' *stress test* u *load test* b'software specifiku wara li inghataw il-konferma filwaqt illi s-socjeta konvenuta tghid illi l-ammont mitlub kien ezagerat ghal anqas minn jumejn xoghol. It-Tribunal ha in konsiderazzjoni illi l-istima originali kienet fl-ammont ta' €31,785.66 u ghalkemm huwa minnu li x-xoghol li sar sabiex tigi mressqa l-istima huwa spejjes li ghandha tbatihom is-socjeta attrici, ma tistax taqbel mas-socjeta konvenuta li l-ispejjez tal-inginier m'ghandhomx jithalsu minnhom. Il-fatt illi s-socjeta konvenuta ikkonfermat il-progett propju jumejn qabel ma kellu jigi iffirmat il-kirja, turi li kien hemm nuqqas min-naha tas-socjeta konvenuta u m'ghandhiex tkun is-socjeta attrici li tbati l-konsegwenza ta' din il-konferma li inghatat b'mod prematur. L-ispejjes ta' inginier ta' €980 (minghajr vat) jaghmlu parti mill-istima li kienet giet accetata u kienu intalbu mill-ewwel kif il-progett tpogga *on hold*.

Ghaldaqstant,in vista ta' dak indikat aktar il-fuq It-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tordna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' €1156.40. L-ispejjez kemm tat-talba kif ukoll tal-ittra ufficjali numru 1429/22 ghandhom jithalsu mis-socjeta konvenuta, bl-interessi mid-data tal-ittra ufficjali dad-data tal-hlas effettiv.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**